TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 91/11

**Christopher Magro**
**vs**
**Cutajar Ltd.**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' television li kellu l-ħsara u minkejja li ħadu għat-tiswija dan xorta ma ttrangax.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara television fis-sena 2005 u fis-sena 2009 kellu l-ħsara u ħadu għat-tiswija għand id-ditta intimata, pero' ma ttrangax u li kienet spiċċatlu l-garanzija u għalhekk qed jippretendi television ġdid.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi għamlu mill-aħjar li setgħu sabiex jirrangaw it-television, liema ħsara kienet fil-*power supply*, għalhekk mhi dovuta tħallas xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi t-tiswija kienet allura għalxejn u żgur li r-rikorrenti m'għandux dritt għal television ġdid stante li għaddiet il-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sittin ewro (€60), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888